

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Diċembru 2016 – Club Hotel Loutraki vs Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika Ellenika, Organismos Prognostikon Agonon Podosfairou AE (OPAP)**

(Kawża C-131/15 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Għajnuna mill-Istat — Operat ta' terminals tal-lotterija video — Għoti minn Stat Membru ta' liċenzja esklużiva — Deċiżjoni li tikkonstata l-assenza ta' għajnuna mill-Istat — Artikolu 108 (3) TFUE — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Artikoli 4, 7, u 13 — Assenza ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali — Kunċett ta' "diffikultajiet serji" — Data tal-evalwazzjoni — Artikolu 296 TFUE — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 41 tal-Karta — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 47 tal-Karta — Dritt għal protezzjoni għodidjarja effettiva — Artikolu 107(1) TFUE — Kunċett ta' "vantaġġ ekonomiku" — Evalwazzjoni konġunta tal-miżuri nnotifikati)*

(2017/C 053/09)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

### Partijiet

*Appellanti:* Club Hotel Loutraki AE, Vivere Entertainment AE, Theros International Gaming, Inc., Elliniko Casino Kerkyras, Casino Rodos, Porto Carras AE, Kazino Aigaiou AE (rappreżentanti: I. Ioannidis, dikigoros, S. Pappas, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouchagiar u P.J. Loewenthal, aġenti), Ir-Repubblika Ellenika, Organismos Prognostikon Agonon Podosfairou AE (OPAP) (rappreżentanti: A. Tomtsis, dikigoros, M. Petite, avukat)

### Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *Club Hotel Loutraki AE, Vivere Entertainment AE, Theros International Gaming, Inc., Elliniko Casino Kerkyras, Casino Rodos, Porto Carras AE u Kazino Aigaiou AE huma kkundannati għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 198, 15.6.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-21 ta' Diċembru 2016 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Mercantil n°1 de Granada, Audiencia Provincial de Alicante – Spanja) – Francisco Gutiérrez Naranjo vs Cajasur Banco SAU (C-154/15), Ana María Palacios Martínez vs Banco Bilbao Vizcaya Argentaria SA (BBVA) (C-307/15), Banco Popular Español SA vs Emilio Irlés López, Teresa Torres Andreu (C-308/15)**

(Kawżi magħquda C-154/15, C-307/15 u C-308/15) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 93/13/KEE — Kuntratti konklużi mal-konsumaturi — Self ipotekarju — Klawżoli inġusti — Artikolu 4(2) — Artikolu 6(1) — Dikjarazzjoni ta' nullità — Limitazzjoni mill-qorti nazzjonali tal-effetti razione temporis tad-dikjarazzjoni ta' nullità ta' klawżola inġusta)*

(2017/C 053/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Qrati tar-rinviju

Juzgado de lo Mercantil n°1 de Granada, Audiencia Provincial de Alicante

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Francisco Gutiérrez Naranjo (C-154/15), Ana María Palacios Martínez (C-307/15), Banco Popular Español SA (C-308/15)

Konvenuti: Cajasur Banco SAU (C-154/15), Banco Bilbao Vizcaya Argentaria SA (BBVA) (C-307/15), Emilio Irlés López, Teresa Torres Andreu (C-308/15)

**Dispożittiv**

L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kontratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi ġurisprudenza nazzjonali li tillimita razione temporis l-effetti restitutorji marbuta mad-dikjarazzjoni ġudizzjarja tal-karattru inġust, fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, ta' klawżola f'kontratt konkluż ma' konsumatur minn bejgiegħ jew fornitur, biss għall-ammonti mħallsa indebitament skont tali klawżola wara l-għoti tad-deċiżjoni li kkonstatat ġudizzjarjament dan il-karattru inġust.

<sup>(1)</sup> ĠU C 228, 13.7.2015.  
ĠU C 279, 24.8.2015.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Diċembru 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Aer Lingus Ltd, Ryanair Designated Activity Company, l-Irlanda**

(Kawżi magħquda C-164/15 P u C-165/15 P) <sup>(1)</sup>

**(Appell — Għajjuna mill-Istat — Taxxa nazzjonali fuq it-trasport tal-ajru — Applikazzjoni ta' taxxi ddifferenzjati — Rata mnaqsa għal titjiriet b' destinazzjonijiet li ma jkunux iktar minn 300 km 'il bogħod mill-ajruport nazzjonali — Vantaġġ — Natura selettiva — Evalwazzjoni fil-każ li l-miżura fiskali tista' tikkostitwixxi restrizzjoni fuq l-libertà li jiġu pprovduti servizzi — Irkupru — Dazju tas-sisa)**

(2017/C 053/11)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, D. Grespan, T. Maxian Rusche u B. Stromsky, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Aer Lingus Ltd (rappreżentanti: K. Bacon u A. Robertson, QC, kif ukoll minn D. Bailey, barrister, fuq mandat ta' A. Burnside, solicitor), Ryanair Designated Activity Company, li kienet Ryanair Ltd (rappreżentanti: B. Kennelly, QC, I.-G. Metaxas-Maragkidis, avukat, et E. Vahida, avocat), l-Irlanda (rappreżentanti: E. Creedon, J. Quaney u A. Joyce, aġenti, assistiti minn E. Regan, SC u B. Doherty, BL)

**Dispożittiv**

1) Is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Frar 2015, Aer Lingus vs Il-Kummissjoni (T-473/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:78), u tal-5 ta' Frar 2015, Ryanair vs Il-Kummissjoni (T-500/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:73), huma annullati, sa fejn jannullaw l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/199/UE, tal-25 ta' Lulju 2012, dwar l-għajjuna mill-Istat, il-Każ SA.29064 (11/C, ex 11/NN) — Rati tat-taxxa differenzjati għall-ivvjaġġar bl-ajru implementati mill-Irlanda, sa fejn dan l-artikolu jordna l-irkupru tal-għajjuna mingħand benefiċjarji, fl-ammont li huwa stabbilit għal EUR 8 għal kull passiġġier fil-premessa 70 tal-imsemmija deċiżjoni.

2) L-appelli incidentalni huma miċħuda.